**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Robert Borg**

**Illum 25 ta' Marzu 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront **Robert Borg** ta' tmienja u erbgħin (48) sena, iben Francis u Mary neè Spiteri, imwieled il-Pietà fis-6 ta' Jannar 1973, residenti ġewwa l-fond Binja Żifla, Ent B, Flat 2, Triq Marjanu Gerada, Tarxien, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 105573(M), talli nhar is-sittax (16) ta 'Marzu elfejn u wieħed u għoxrin (2021), u fil-jiem u x-xhur ta ' qabel, fil-gżejjer Maltin:

(1) Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet datat sitta u għoxrin (26) ta' Settembru elfejn u dsatax (2019) mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Rachel Montebello LL.D., li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jiffirma kuljum ġewwa l-Għassa ta' Paola u li jidher għall kull att proċesswali li jkun bih notifikat;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmi reat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-ri-arrest ta' Robert Borg, kif ukoll tordna li s-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000) bħala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament: (i) Estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat - Dok. "A"; (ii) Fedina penali ta' l-imputat - Dok. "B"; u (iii) Stqarrija ta' l-imputat - Dok. "C";

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Roderick Attard mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Marzu 2021 u rat id-dokumenti esebiti minnu ossia, vera kopja tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 26 ta' Settembru 2019 - Dok. "D", il-Bail Book relattiv għall-imputat - Dok. "E" u t-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Arrest u Tfittxija fil-konfront ta' l-imputat u l-Mandat ta' Arrest u Tfittxija fil-konfront ta' l-imputat - Dok. "F";

Rat li l-imputat għażel li ma jixhidx u ddikjara li ma għandux provi x'jressaq;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar is-16 ta 'Marzu 2021, u fil-jiem u x-xhur ta 'qabel, fil-gżejjer Maltin, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet datat 26 ta' Settembru 2019 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Rachel Montebello LL.D., li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jiffirma kuljum ġewwa l-Għassa ta' Paola u li jidher għall kull att proċesswali li jkun bih notifikat.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat xehed l-Ispettur Roderick Attard, Prosekutur f'dawn il-proċeduri, waqt is-seduta tas-17 ta' Marzu 2021. L-Ispettur Attard esebixxa vera fotokopja tad-Digriet tal-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), presjeduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello, datat 26 ta' Settembru 2019 fil-konfront ta' Robert Borg, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 105573(M). Minn dan id-Digriet jirriżulta li l-uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri fir-rigward ta' liema ngħata l-ħelsien mill-arrest kien l-istess Spettur Roderick Attard u li dak id-Digriet ingħata fil-konfront ta' Robert Borg, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 105573(M), ossia ngħata fil-konfront ta' l-imputat odjern. Jirriżulta wkoll li l-ħelsien mill-arrest ingħata taħt diversi kondizzjonijiet u verso l-ħlas ta' depożitu ta' tmien mitt Euro (€800) u garanzija fl-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000).

L-Ispettur Roderick Attard iddikjara li ai termini tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest skond l-imsemmi Digriet datat 26 ta' Settembru 2019, l-imputat kellu jiffirma kuljum ġewwa l-Għassa ta' Paola. Il-Qorti tosserva li fil-fatt skond il-kondizzjoni numru 5 tad-Digriet in kwistjoni l-imputat kellu jirrapporta l-Għassa tal-Pulizija tar-Raħal Ġdid kuljum f'xi ħin bejn it-8:00a.m. u l-5:00p.m., b'dana li jekk ma jkunx jista' jmur hekk jirrapporta għandu

jippreżenta ċertifikat mediku fi żmien sitt siegħat mill-ħin li obbligat jirrapporta ġewwa l-Għassa.

L-Ispettur Roderick Attard iddikjara li l-imputat naqas milli jottempera ruħu mal-kondizzjoni hawn appena imsemmija tul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2021. In sostenn ta' dak minnu affermat, l-Ispettur Attard esebixxa l-Bail Book relattiv għall-imputat - Dok. "E", li minnu jirriżulta li bejn it-3 ta' Jannar 2021 u t-12 ta' Marzu 2021, l-imputat, ħlief għal okkazzjoni waħda, qatt ma irrapporta ġewwa l-Għassa tar-Raħal Ġdid sabiex jiffirma. Apparte minhekk l-Ispettur Roderick Attard xehed illi wara li ġie arrestat l-imputat, in forza ta' Mandat ta' Arrest maħruġ fis-16 ta' Marzu 2021 - Dok. "F" - huwa ħa stqarrija ta' l-imputat *fejn kellimtu wkoll dwar l-affarijiet li se nressqu. Staqsejtu x'kundizzjonijiet għandu, fejn hu saħaq li jrid jiffirma kuljum bejn it-8:00a.m. u l-5:00p.m. u jrid ikun rinkażat bejn is-7:00p.m. u s-7:00a.m. Staqsejtu wkoll rigward xi seduti li kien m'attendiex għalkemm kien debitament notifikat in awla u xorta m'attendiex għall-imsemmija seduti, fejn huwa saħaq illi qabel ma jagħtini xi risposti jixtieq jitkellem ma' l-avukat. Jiġifieri bażikament ma wieġeb għal ebda mistoqsija.*

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Roderick Attard jirriżulta b'mod ċar li l-imputat effettivament kiser fiċ-ċert waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu bid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), presjeduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello, datat 26 ta' Settembru 2019, ossia l-kundizzjoni numru 5 relattiva għall-iffirmar ta' kuljum ġewwa l-Għassa tar-Raħal Ġdid.

Kif già ngħad din il-kondizzjoni tistipula li l-imputat għandu *jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tad-Distrett ta' fejn toqgħod jiġifieri fl-Għassa ta' Raħal Ġdid kuljum bejn it-8:00a.m. u l-5:00p.m. b'dan illi jekk ma tkunx tista' tirrapporta kif fuq ingħad, għandha tibgħat ċertifikat mediku fi żmien sitt siegħat mill-ħin li fih qed tiġi obbligata tirrapporta.*

Minn qari ta' din il-kundizzjoni jirriżulta ferm ċar li l-imputat ikun ġustifikat milli ma josservax l-istess kundizzjoni "jekk ma jkunx jista'" u din l-impossibilità tkun pruvata permezz ta' ċertifikat mediku li għandu jittieħed l-Għassa fi żmien sitt siegħat. L-imputat ma xehedx u ma ressaq l-ebda prova u għalhekk ma jirriżulta l-ebda forma ta' impediment - wisq inqas wieħed sorrett bid-debitu ċertifikat mediku - li jiġġustifika n-nuqqas ta' l-imputat li jmur jiffirma l-Għassa tar-Raħal Ġdid kuljum tul il-perijodu iktar 'l fuq indikat, ossia bejn it-3 ta' Jannar 2021 u t-12 ta' Marzu 2021, kif obbligat jagħmel in forza tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti fil-konfront tiegħu fis-26 ta' Settembru 2019.

Għaldaqstant fid-dawl tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li l-imputat huwa fil-fatt ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, senjatament tali kiser il-kondizzjoni li jiffirma kuljum ġewwa l-Għassa tar-Raħal Ġdid.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat addebitat lill-imputat, in-natura tal-kundizzjoni li l-imputat naqas milli josserva u l-fedina penali ta' l-istess imputat. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li ai termini ta' l-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ordnijiet li għandhom jingħataw bħala konsegwenza ta' sejbien ta' ħtija huma tassattivi. Qieset ukoll il-fatt li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiża jaqblu li fil-każ in eżami piena karċerarja fil-minimu tagħha hija l-piena idoneja.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal erba' (4) xhur priġunerija. In oltre tordna li s-somma komplessiva ta' ħamest elef u tmien mitt Euro (€5,800) stabbilita fid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello, datat 26 ta' Settembru 2019, tiġi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello, datat 26 ta' Settembru 2019, u tordna r-ri-arrest immedjat ta' l-imputat.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**